Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2010

Numru. 244/2010

Il-Pulizija
(Sp Fabian Fleri)
vs
Witney Farrugia, bint Emmanuel, imwielda Pieta' fil-5 ta' Lulju, 1989, Karta ta' l-Identita numru 305889(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata talli ġewwa Bormla u f'dawn il-Gżejjer fis-27 ta' Novembru, 2008:
1. użat kodiċi ta' dħul, password, isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz ieħor ta' dħul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna oħra f'computer;
2. użat xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika fornut minn impriża għal għan li ma jkunx dak li jkun ġie fornut għalih, jew ittrakurat milli tosserva l-istruzzjonijiet li jkunu maħruġa minn impriża għall –użu kif

imiss tan-network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika jew inkella użatu b'mod mhux kif imiss;
3. hedded bi kliem lil Solita Azzopardi u Donalie Micallef;
4. offendiet lil Solita Azzopardi u Donalie Micallef.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputata tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Ġunju, 2010 fejn l-imputata ammettiet l-akkużi miġjuba kontra tagħha.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Ġunju, 2010 fejn iż-żewġ parte ċivile ħafru lill-imputata.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputata dwar il-piena.

Għaldaqstant, tiddikjara l-proċediment eżawrit dwar it-tielet u ir-raba' akkuża miġjuba kontra tagħha. Issibha ħatja tal-ewwel żewġ akkużi. Rat l-artikoli 337Ċ(1)(i) u 337F(1) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 35(1)(d) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta. Ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tilliberaha taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------